**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Frar, 2016**

**Rikors Nru: 175/2015 MLF**

**George Baldacchino**

**vs**

**Rodrick Cauchi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbat elef tltt mija u tmienja u ghoxrin Euro u tlieta u ghoxrin centemzu (€4,328.23), liema somma tirrapprezenta in kwantu ghall-ammont ta' erbat elef Euro (€4000) self brevi manu maghmul lilu f'Lulju 2014 sabiex hu ikun jista jeffettwa pagament dovut lil martu Sandra Grech, u in kwantu ghall-ammont ta' tlett mija u tmienja u ghoxrin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€328.23) ghall-parts ta' vetturi illi hu ha mill-hanut tal-attur fl-istess zmien, u li ghalihom baqa' ma effettwax il-pagament dovut minkejja li gie ripetutament interpellat illi jghamel dan;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2015 (Dok IU) kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2015 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut Rodrick Cauchi gie notifikat fit-13 ta' Jannar, 2016 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2016.

Rat li fl-istess seduta, l-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-1 ta' Frar, 2016, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Rat in-nota tall-attur tat-19 ta' Jannar 2016 fejn permezz taghha irriduca is-sorte mitlub fir-rikors promotur ghall-ammont ta' elf, mija u tnejn u sebghin Euro u tletin centezmu (€1172.30), stante li fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa rcieva s-somma ta' tlett elef, mija, hamsa u hamsin Euro u tlieta u disghin centezmu (€3,155.93), akkont tal-ammont pretiz minny f'dawn il-proceduri

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u tnejn u sebghin Euro u tletin centezmu (€1172.30), bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2015 (Dok IU) kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**